# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 342/2013**

Il-Pulizija

vs

**Peter Formosa**

iben Francis Xavier, imwieled Floriana, fit-12 ta' Mejju, 1954, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 422754(M)

U

**Virginia Jean Camilleri**

bint Joseph, imwielda San Giljan, fil-31 ta' Marzu, 1978, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 205678(M)

Illum, 28 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Peter Formosa u Virginia Jean Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi u/jew rappreżentanti ġuridiċi tas-soċjeta' kummerċjali 'J.F. Security Services Limited' (C26649) b'indirizz reġistrat Vinci Buildings, Triq B. Bontadini, Birkirkara, Malta u/jew bħala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex thallsu l-pagi dovuti, inqastu li thallsu l-'weekly allowance' ta' Marzu, 2012 u parti mill-bonus statutorju ta' Dicembru, 2011 u parti mill-bonus statutorju ta' Gunju, 2012 dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2011 u il-31 ta' Marzu, 2012 ta' numru ta' haddiema kif indikat fil-lista annessa u ghal dawk l-ammonti hekk indikati fl-istess lista. Dan ir-reat sehh in vista tal-fatt li nqastu milli timpjegaw il-haddiema hekk indikati u minflok tlabtu u nqdejtu bis-servizzi ta' dawn l-istess persuni bhala 'self-employed' bejn ix-xhur hawn fuq indikati bi ksur tar-Regolament 3 u 7 ta' l-Avviz Legali 44 ta' l-2012 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista ta' suespost, inqastu milli tosservaw ir-Regolament 8 ta l-Avviz Legali 247 ta' 1-2003, hekk kif emendat mill-Avviz Legali 427 ta' 1-2007 u cioe' id-dritt tal-haddiema, indikati fil-lista annessa, ghal leave annuali bi hlas fil-perjodu fuq indikat u cioe' mill-l ta' Ottubru, 2011 sal-31 ta' Marzu 2012 hekk kif titlob il-ligi. Kif ukoll inqastu milli josservaw l-artikolu 22(2) tal-Kap. 452 fir-rigward ta' haddiema li l-impjieg taghhom ittermina, liema sommon dovuti huma imnizzla fil-lista annessa.

Ghaldaqstant, il-Qorti giet mitluba tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallsu l-penali skont il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(2) tal- Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 ta' 1-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 ta' 1-2007, sabiex ihallsu lill-persuni ndikati fil-lista annessa l-ammonti relattivi ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Il-Qorti hija ukoll mitluba tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-leave annwali mcahhad lill-haddiema kif kwantifikat fil-lista annessa jew, altemattivament, tordna li l-leave annwali hekk michud jinghad mal-bilanc tal-leave annwali li l-haddiema imsemmija jkollhom meta tigi deciza

l-kawza odjern ai termini tar-Regolament 8 ta' l-Avviz Legali 247 ta' l-2003, hekk kif emendat mill-Avviz Legali 427 ta' 1-2007 u l-artikolu 22(2) l-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Gunju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat Regolamenti 3 u 7 tal-Avviz Legali 44 tas-sena 2012, Regolament 8 tal-Avviz Legali 247 tas-sena 2003, l-Avviz Legali 427 tas-sena 2007 u l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u ghaldaqstant illiberathom minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-17 ta' Lulju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata, u tiddikjara li l-istess sentenza hija nulla għar-raġunijiet msemmija f'dan l-appell (ksur ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali), u tordna li l-kawza terġa tinstema mill-gdid fuq il-meritu quddiemha sabiex tingħata sentenza skont il-Liġi u għal aħjar andament tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi-Qorti tal-Magistrati (Malta) għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-liġi meta ġiet biex tagħti s-sentenza tagħha fil-konfront tal-appellant u dan peress illi l-istess Qorti, fis-sentenza tagħha datata 26 ta' Ġunju 2013, ma imxietx mad-dettami tal-Liġi u ma inkludietx l-motivazzjonijiet għal tali sentenza, hekk kif mitluba li tagħmel mill-Liġi stess.

Illi, l-esponent qiegħed f'dan l-istadju jissoleva n-nullita' ta' l-istess sentenza hawn fuq ċitata, u kif spjegat aktar il-fuq, dan minħabba li tali sentenza ma kelliex ir-rekwiżiti meħtieġa mill-liġi u ċioe' dawk stipulati fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jghid hekk –

> *Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*

Illi, f'din l-istess sentenza tas-26 ta' Ġunju 2013, l-Ewwel Qorti sempliċiment qalet li hi fil-fatt għandha kompetenza li tisma' dan il-kaz imbaghad ghaddiet mal-ewwel sabiex tiddikjara li "*Il-Qorti tillibera lill-imsemmija imputati mill-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħhom mill-Prosekuzzjoni*". Ma ngħataw l-ebda fatti dwar il-mertu tal-każ u lanqas ma ngħataw il-motivazzjonijiet għall-liberazzjoni tal-appellati, qua imputati. Di piu il-Prosekuzzjoni tinstab perplessa u dan għaliex jidher ċar li l-Ewwel Qorti ma semghet ebda xhieda kif ukoll ma saru ebda sottomissjonijiet dwar il-mertu ta' dan il-każ quddiemha u allura ma jistghax jinftiehem kif, u fuq liema bażi, din il-Qorti waslet biex tillibera lill-appellati, qua imputati. Kwindi, jidher ċar li l-Ewwel Qorti ma osservatx r-rekwiżiti ta' x'għandha tinkludi sentenza finali u għalhekk tali inosservanza għandha tirrendi din l-istess sentenza nulla u bla effett.

Illi, kif jidher mis-sentenza mogħtija fl-ismijiet fosthom "Il-Pulizija vs Joseph Muscat"[1], "*in-non-osservanza ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ġġib bħala konsegwenza n-nullita' tas-sentenza appellata u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali għandha tgħaddi biex tisma' l-kawża mill-ġdid fuq il-meritu fit-termini tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428*". Dan il-prinċipju ġie kkonfermat ukoll minn ġurisprudenza nostrana oħra, fosthom "Il-Pulizija vs Carmen Tabone Reale"[2] u "Il-Pulizija vs Francis Aquilina"[3].

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

---

[1] Pulizija vs Joseph Muscat (10.06.1994), Court of Criminal Appeal (Inferior), Imħallef Vincent De Gaetano

[2] Pulizija vs Carmen Tabone Reale (25.07.1994), Court of Criminal Appeal (Inferior), Imħallef Vincent De Gaetano

[3] Pulizija vs Francis Aquilina (26.11.1960), Court of Criminal Appeal (Inferior), Imħallef William Harding

Illi fl-appell tieghu l-Avukat Generali kiteb li l-ewwel Qorti tat id-digriet tal-kompetenza taghha u fl-istess hin ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha fejn ma sabet ebda htija fl-appellati. Dan hu manifestament skorrett ghax semplici raguni li l-ewwel Qorti tat id-digriet taghha fis-16 ta' April, 2013 u dan id-digriet jinsab a tergo ta' folio 15 tal-atti processwali. Is-sentenza giet pronunzjata fis-26 ta' Gunju, 2013. Ghalhekk, fuq dan il-punt l-appellant ma ghandux ragun.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant hu li l-ewwel Qorti ma segwitx skrupolosament id-dettami tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, kif riportat hawn fuq. L-appellant kien ikollu ragun kieku l-appellati kienu gew misjuba hatija ghaliex l-artikolu 382 jitkellem meta l-Qorti taghti sentenza "...kontra l-imputat". F'dan il-kaz partikolari l-ewwel Qorti ma sabet ebda htija kontra l-appellati. Ghalhekk, l-ewwel Qorti ma kienet taht ebda obbligu li ssegwi d-dettami tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tghid il-fatti ghaliex l-appellati ma nstabux hatja. Ma kellhiex ghalfejn taghti piena ghaliex l-appellati ma nstabux hatja u wisq anqas ma kellha ssemmi l-artikoli tal-ligi ghaliex l-appellati ma nstabux hatja.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.